Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2196

5.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2196

tal-4 ta' Settembru 2024

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) fiha żball fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) tal-Anness tiegħu, fl-entrata għal "Trabijiet taż-żerriegħa taċ-chia (*Salvia hispanica*) parzjalment sgrassati", fil-kolonna "Speċifikazzjonijiet" taħt it-titolu "Kontaminanti", il-ħames u s-sitt ringiela, fir-rigward tal-livell ta' konċentrazzjoni ta' xi sustanzi. L-iżball ġie introdott permezz ta' att emendatorju, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2214 ([3]), u jaffettwa s-sustanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjonijiet tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, li ngħataw qabel l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2214,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija.)

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2283/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2470/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2214 tat-23 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu u l-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid trabijiet taż-żerriegħa taċ-chia (*Salvia hispanica*) parzjalment sgrassati (OJ L, 2023/2214, 24.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2214/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN